Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,752, 26 ta' Frar, 1999
Taqsima B

A.L. 48 ta' l-1999

ATT TA' L-1995 DWAR IL-KUMPANNIJI (ATT NRU. XXV TA' L-1995)

Regolamenti ta' l-1999 dwar Kumpanniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Fiss skond l-Att dwar il-Kumpanniji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (d) tas-subartikolu (10) ta' l-artikolu 84 u l-artikolu 188 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, il-Ministru tal-Finanzi, bil-parir taċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 dwar il-Kumpanniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Fiss skond l-Att dwar il-Kumpanniji.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Marzu, 1999.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xorta oħra:–

"Att" tfisser l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji;

"INVCO" tfisser kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (10) ta' l-artikolu 84 ta' l-Att għandhom, għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, ikunu japplikaw għal INVCO li jkollha liċenza għal skema ta' investiment kollettiv skond l-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment.

Att XIV ta' l-1994.

Segretarju ta' Kumpannija ta' kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss.

3. Minkejja kull ħaġa li tinsab fit-tifsira ta' segretarju ta' kumpannija fl-artikolu 2, u fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 138 ta' l-Att, INVCO għandha, bl-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti, taħtar fil-kariga ta' segretarju ta' kumpannija, kull persuna li sew tista tkun individwu sew li ma tkunx.